*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tal-Laqgha numru 1/15 tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar 2015 fis-6:00p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Joseph Farrugia (J.F.) |
| Vici-Sindku | Kevin Barun (K.B.) |
| Kunsilliera | Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Carmelo Cachia (C.C.)<br>Charles Muscat (C.M.)<br>Bernardette Pace (B.P.)<br>Stanley Zammit (S.Z.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta Numru 13/2014
2. Arisings mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv Gdid
5. Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera
6. Affarijiet ohra
7. Aggornament

**Talba**

Is-Sindku flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**01** **Qari tal-Minuti**

01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 13/14, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

Is-Sur Stanley Zammit qal illi f'item 03/01, wara l-kliem "z-zamma ta' indafa fiz-zona okkupata mill-attivita'", kellu jizdied il-kliem "Wara diskussjoni libera fuq proposta tas-Sur J.Baldacchino issekondata mis-Sindku u li għaddiet b'votazzjoni ta' erbgħa favur u tnejn kontra kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma jsib ebda oġġezzjoni għat-talba tas-Sur Mallia bil-kundizzjoni illi fiż-żona okkupata ma jitpoġġewx aktar minn 150 *sunbed* u 75 umbrella jew ma tigix okkupata żona ta' aktar minn 35 metru b'20 metru." Is-Sur Joe Baldacchino issekonda l-proposta tas-Sur Zammit li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Baldacchino, issekondata mis-Sur Carmelo Cachia il-minuti gew unanimament approvati

01/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**02 *Arisings* mill-Minuti**

02/01 Ma kienx hemm.

**03 Korrispondenza**

03/01 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Dicembru 2014, is-Sur Mark Bugeja minn Al Fresco, talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi matul ix-xhur tax-xitwa (bejn Ottubru u Mejju), iz-zona ta' quddiem l-istabbiliment tieghu tkun tista' tintuza minn sidien ta' vetturi ghall-parkegg.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi t-talba tas-Sur Bugeja ma setghetx tigi milqugha. Madanakollu, gie deciz illi zona ta' parkegg biswit l-istabbiliment tas-Sur Bugeja kellha tigi mnaddfa minn opri tal-bahar li gew mitluqa illegalment.

03/02 Is-Sur Massimo Ciantar ipprezenta rapport tal-pulizija li permezz tieghu allega illi nhar id-29 ta' Dicembru 2014, kien garrab xi hsarat fil-vettura tieghu kawza ta' hofra li kien hemm fi Triq San Patrizju.
Wara li giet evalwata t-talba tas-Sur Ciantar, kien hemm qbil unanimu illi peress illi s-Sur Ciantar kien caqlaq il-karozza tieghu minn fuq il-post u ma stenniex lill-pulizija jaslu sabiex jevalwaw is-sitwazzjoni, il-Kunsill Lokali ma setax jilqa' t-talba li kien ircieva.

03/03 Is-Sur Kevin Briffa baghat ittra flimkien ma' rapport tal-pulizija li permezz taghha allega illi nhar id-28 ta' Dicembru 2014, kien garrab xi hsarat fil-vettura tieghu kawza ta' hofra li kien hemm fi Triq San Patrizju.
Wara li giet evalwata t-talba tas-Sur Briffa, kien hemm qbil unanimu illi peress illi s-Sur Briffa kien caqlaq il-karozza tieghu minn fuq il-post u ma stenniex lill-pulizija jaslu sabiex jevalwaw is-sitwazzjoni, il-Kunsill Lokali ma setax jilqa' t-talba li kien ircieva.

03/04 E-Mail datat 11 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali talab lill-Kunsill Lokali janalizza u jipproponi idejat ghal zvilupp ta' zoni pubblici fil-lokalita'.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu jipproponi meljorament ta' Misrah Hamilkar Barka; Triq Santa Rita c/w Triq

Sant'Anglu; Triq Herakles; Gnien il-Kunsill Lokali u Misrah Profs. Pietru Pawl Saydon.

03/05 Permezz ta' e-mail datat 30 ta' Dicembru 2014, is-Sur Paul Borda, f'isem Frank Borda Limited talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jirriserva xi spazji ta' parkegg sabiex il-Kumpanija tieghu tkun tista' tipparkja karozzi bi skop ta' promozzjoni.

Is-Sur Kevin Barun qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jirriserva l-ispazju mitlub waqt l-attivita' Ingeddu Tfulitna li kien qieghed jippjana li jorganizza l-Kunsill Lokali. Is-Sur Barun zied jghid illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob lil Frank Borda Ltd tevalwa l-possibilita' illi toffri sponsor b'risq l-imsemmija attivita'. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sur Barun.

03/06 Permezz ta' e-mail datat 23 ta' Dicembru 2014, is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2015 kienet ser tammonta ghal €650 387.

Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Agent Segretarju Ezekuttiv jekk kienux ser jigu mfassla estimi finanzjarji ghas-sena 2015. Is-Sur Hall min-naha tieghu informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-estimi finanzjarji ghas-sena 2015 kienu diga' qieghdin jigu abbozzati.

03/07 E-mail datat 26 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu, is-Sa MaryGrace Damato mill-Agriculture and Rural Payments Agency infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien gie awtorizzat il-pagament li l-Kunsill Lokali kien talab b'konnessjoni ma' progett taht l-iskema mizura 125.

03/08 Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Jannar 2015, is-Sur Joseph Abela mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali talab lill-Kunsill Lokali jipproponi l-hin idejali sabiex jingabar l-iskart mil-lokalita' bil-ghan illi jitnaqqsu kongestjonijiet tat-traffiku li kienu jezistu fil-pajjiz.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi s-servizz imsemmi ma kien qieghed johloq ebda problemi fil-lokalita' u ghaldaqstant id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kellu jigi infurmat illi ma kien hemm bzonn illi ssir ebda modifika fil-kaz ta' Birzebbuga.

03/09 E-mail datat 5 ta' Jannar 2015 li permezz taghha, is-Sur Etienne Scicluna mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali rigward zbilanc finanzjarju li kien irregistra l-Kunsill Lokali matul l-2013. Is-Sur Scicluna, minbarra li informa lill-Kunsill Lokali b'numru ta' mizuri li d-Dipartiment kien qieghed jitlob talab lill-Kunsill Lokali jipprezenta balance sheet kull xahar sabiex jindika l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill Lokali.

Kien hemm diskussjoni libera li matulha gie diskuss fost affarijiet ohra l-fatt illi l-imsemmi zbilanc kien dovut ghall-iskema PPP li kienet halliet impatt negattiv fuq il-finanzi tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Hall informa lill-Kunsilliera illi flimkien mal-Accountant tal-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed iwiegeb l-email li kien ircieva l-Kunsill Lokali.

**04** **Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv gdida**

04/01 Is-Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport li kien ipprezenta l-bord li kien ghamel l-intervisti. Is-Sur Hall zied jghid illi miz-zewg persuni elegibbli li kienu gew mitluba jattendu ghal intervista hadd ma kien ipprezenta ruhu.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kopja tar-rapport kellha tintbaghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u jintalab permess sabiex tinhareg sejha mill-gdid.

**05** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera**

05/01 Is-Sur Kevin Barun fakkar lill-Kunsilliera prezenti sabiex fl-iqsar zmien possibbli jibaghtulu l-artikli taghhom sabiex ikun jista' jahdem fuq il-pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali.

05/02 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi kienet giet sottomessa b'success applikazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jikseb fondi halli nhar is-27 ta' Gunju 2015 tkun tista' tittella' l-attivita' "Ingeddu Tfulitna". Is-Sur Barun qal illi l-attivita' proposta kellha spiza kumplessiva ta' madwar €15 000.

05/03 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienet waslet proposta sabiex fis-sala tal-Kunsill Lokali jinzammu sessjonijiet ta' 'keep fit' minghajr hlas. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, din kienet opportunita' li l-Kunsill Lokali ma kellux jitlef. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi jsir il-kordinament mehtieg sabiex kemm il-darba ikun possibbli jittellghu l-imsemmija sessjonijiet. Kien hemm qbil ukoll illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb jixtri *first aid kit* ghas-sala tal-Kunsill Lokali sabiex din tkun tista' tintuza f'kazi ta' emergenza.

*F'dan l-istadju is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi minhabba impenji personali kien ser ikollu jhalli s-seduta (7:00p.m.)*

05/04 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2015 kien ser ikollu laqgha mal-kuntrattur tal-iskart sabiex jigu diskussi diffikultajiet u nuqqasijiet li l-Kunsill Lokali kien innota fis-servizz li kien qieghed jircievi. Is-Sindku zied jghid illi fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien hareg *default notice* lill-imsemmi kuntrattur wara li kienet ingibditlu l-attenzjoni verbalment ghal diversi cirkostanzi.

05/05 Is-Sur Carmelo Cachia informa lill-Kunsill Lokali illi sett ta' bring-in-sites li kien hemm fi Triq il-Port Hieles kienu sfaw vittma ta' attakk vandalu. Is-Sur Cachia zied jghid illi barra minn dan kien gie innotat illi l-istess bring-in-sites kienu ta' spiss qieghdin jintuzaw sabiex madwarhom jintrema' kull tip ta' skart u ppropona illi l-Kunsill Lokali jmexxi l-imsemmija bring-in-sites ghal Dawret il-Qalb Imqaddsa. Is-Sindku issekonda l-proposta tas-Sur Cachia li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

05/06 Is-Sur Charles Muscat staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward pedestrian crossing li kienet qieghda tigi proposta ghal Triq Birzebbuga. Is-Sur Stanley Zammit informa lis-Sur Muscat illi l-pedestrian crossing kienet diga giet approvata mill-Kunsill Lokali u kien ser jiehu hsieb flimkien mal-amministrazzjoni

illi jingabru l-kwotazzjonijiet mehtiega sabiex kemm il-darba ikun possibbli tigi implimentata d-decizjoni tal-Kunsill lokali

05/07 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk setghetx tittiehed azzjoni dwar parking bays imferrxin madwar il-lokalita' li kienu qieghdin joholqu diffikultajiet lis-sewwieqa kawza tal-pozizzjoni u daqs taghhom.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi minkejja l-validita' tal-punt li kien qajjem is-Sur Zammit, kien relativament difficli illi s-sitwazzjoni tigi ratifikata.

05/08 Is-Sur Carmel Muscat qal illi fl-opinjoni tieghu kellha tittiehed azzjoni sabiex ikun hemm aktar dawl fi Triq Birzebbuga (il-misrah tal-parrocca). Is-Sur Joe Baldacchino qal illi din il-kwistjoni kienet ilha li tqajmet snin u qatt ma instabet soluzzjoni. Is-Sur Stanley Zammit qal illi d-dawl tal-pjazza kien ikkontrollat minn arlogg tad-dawl li kien hemm fil-kampnar tal-parrocca u li kien jghajjat lill-Gvern Centrali. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, kemm il-darba l-Kunsill Lokali kien ser jipproponi illi jzid l-ammont ta' dawl fil-pjazza in-kwistjoni, il-probabilita' kienet illi l-Gvern jipproponi illi l-arlogg jinqaleb ghal fuq il-Kunsill Lokali u ghaldaqstant huwa kien tal-opinjoni illi l-affarijiet jithallew kif kienu. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-parir li kien ta s-Sur Zammit.

05/09 Is-Sur Carmel Muscat staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kellhomx jissewwew disinji tad-dawl li kienu jintuzaw sabiex tizzejjen il-lokalita' fi zmien il-Milied.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob stima lil JM Installations sabiex tigi evalwata l-possibilita' illi jissewwew l-imsemmija disinji.

05/10 Is-Sur Carmel Muscat qal illi kien ircieva diversi ilmenti minn genituri ta' tfal rigward problemi li kienu qieghdin isibu biex jaqsmu Triq Birzebbuga sabiex ikunu jistghu iwasslu lil uliedhom l-iskola. Is-Sur Muscat staqsa lill-Kunsill Lokali jekk setax isir intervent fit-triq imsemmija sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi s-Sur Muscat kellu jiehu hsieb jigbor l-istimi mehtiega sabiex tigi evalwata l-possibilita' illi ssir il-modifika proposta mis-Sur Muscat.

**6** **<u>Affarijiet ohra</u>**

06/01 Is-Sur Stanley Zammit flimkien mas-Sur Carol Muscat qalu illi fl-opinjoni taghhom, kellhom isiru xi modifiki fl-iskema ta' traffiku ta' Triq Salvatore Cachia Zammit ghaliex kien qieghed ikun hemm periklu ghas-sewwieqa u pedonali.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi dwar l-istess materja kien hemm progett ta' Transport Malta u ttiehdet decizjoni illi kellha tintbaghat ittra lill-istess Transport Malta sabiex isiru x-xogholijiet fl-iqsar zmien possibbli

**7** **<u>Aggornament</u>**

7/01 Is-Seduta spiccat fit-8:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it- Tnejn 26 ta' Jannar 2015 fis-6:00p.m

____________________ ____________________

**Joseph Farrugia** **Duncan Hall**
**Sindku** **A/Segretarju Ezekuttiv**
Data: ____________________